(d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided).

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal

Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg. Kopja ta' din l-evalwazzjoni tal-*MQRIC* jew l-awtorità nominata f'każ ta' ħruġ ta' *warrants*, trid tintbagħat ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw Iżda jridu jibgħatu kopja tar-rapport lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

11.2. Il-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità jippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice board* ta' l-istess Ministeru, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment. A copy of the said report issued by the MQRIC, or the designated authority in case of warrants, should be attached to the application, with the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

11.2. The result of the interviews will be published by the Ministry of Health, the Elderly and Community Care and exhibited on the notice-board of the Office of the said Ministry, 15, Triq il-Merkanti, Valletta

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Ministry of Health, the Elderly and Community Care where it may be accessed at:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

13. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Divizjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applicant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-19 ta' Mejju, 2006

12. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15 Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 9th June 2006.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday 9th June 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

19th May, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Avid Express Pro Training Seminar

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, b'kollaborazzjoni ma' DAB Electronica Co. Ltd, se jorganizzaw *Avid Express Pro training seminar* ta' ħamest ijiem. Is-seminar ta' taħriġ huwa mmirat sew għal dawk professjonali kif ukoll għal dawk li jaħdmu għal rashom fl-industrija tal-*films* u t-televiżjoni.

Post: L-Istitut ta' l-Arti u Disinn, l-MCAST, il-Mosta Design, Targa Gap, il-Mosta

Il-Kors idum: 5 ijiem (Mid-29 ta' Mejju sat-2 ta' Ġunju, 2006)

Ħin: Bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m.

Prezz: Lm460 kull persuna

MALTA COLLEGE FOR ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Avid Express Pro Training Seminar

The Malta College for Arts, Science and Technology in collaboration with DAB Electronica Co. Ltd, will be organising a five day Avid Express Pro training seminar. The training seminar is aimed at both professionals and freelancers working in the Film and TV Industry.

Venue: MCAST Institute of Art and Design, Targa Gap, Mosta

Duration: 5 days (From 29th May to 2nd June 2006)

Time: Between 9.00 a.m. and 5.00 p.m.

Price: Lm 460 per person

Il-prezz jinkludi:
- Kors ta' 3 ijiem (AVID 119) – Introduzzjoni għal Avid Xpress Pro/DV Editing
- Kors ta'jumejn (AVID 129) – Introduzzjoni għal Avid Xpress Pro/DV Effects
- Noti u ċertifikat uffiċjali ta' l-Avid course

Dan it-taħriġ huwa mfassal biex jgħin lill-parteċipanti biex iseddqu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom fl-*Avid non-linear editing systems*.

Il-klassijiet jinżammu sa massimu ta' 10 parteċipanti u l-applikazzjonijiet jintlaqgħu bejn l-Erbgħa s-17 u t-Tnejn it-22 ta' Mejju fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jintgħażel. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu miċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni u Appoġġ, Kampus Prinċipali ta' lMCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, jew b'e-mail fuq information@mcast.edu.mt.

Il-kors se jsir minn Roger Shufflebottom, wieħed mill-aħjar *trainers* ċertifikati ta' Avid. It-tutur huwa l-awtur ta' 'Focal Press guide to editing on Avid'.

L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda. L-ebda applikazzjoni ma tintlaqa' jekk ma jkollhiex magħha l-ħlas u fotokopja tal-Karta ta' l-Identità

Id-19 ta' Mejju, 2006

Price includes:
- 3 day course (AVID 119) – Introduction to Avid Xpress Pro/DV Editing
- 2 day course (AVID 129) – Introduction to Avid Xpress Pro/DV Effects
- Official Avid course notes and certification

This training is designed to help participants enhance their skills and competencies in Avid non-linear editing systems.

Classes will be kept to a maximum of 10 participants and applications will be accepted between Wednesday 17th and Monday 22nd May on a first come first served basis. Application forms are available from the Information and Support Centre, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, or via e-mail at information@mcast.edu.mt.

The course will be delivered by Roger Shufflebottom, one of Avid's best certified trainers. The tutor is the author of the 'Focal Press guide to editing on Avid'.

Applications will be processed on a first-come first-served basis. No applications will be accepted without payment and photocopy of ID card.

19th May, 2006

AWTORITÀ TAD-DJAR

Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern

(Sir Sid Darek)

B'riferenza għall-Iskema Sir Sid Darek - Skema għax-Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Diċembru 2001, l-Awtorità tad-Djar qed tippubblika dawn l-emendi:-

(1) Temenda Klawsola 9 Sub-Klawsola (i) biex taqra kif ġej:-

(i) B'dana kollu ebda appartament ma jiġi mibjugħ b'anqas minn:-
(a) Tnax -il elf lira Maltija (Lm12,000) f'każ ta' appartamenti b'kamra tas-sodda waħda
(b) Erbatax -il elf lira Maltija (Lm14,000) f'każ ta' appartamenti b'żewġ kmamar tas-sodda
(ċ) Tmintax -il elf lira Maltija (Lm18,000) f'każ ta' appartamenti bi tlett ikmamar tas-sodda

Barra minn hekk ebda dar ma tinbiegħ b'anqas minn tletin elf lira Maltija (Lm 30,000).

(2) Tinkludi l-klawsola kif ġej:-

HOUSING AUTHORITY

Purchase of Government Owned Rented Residential Units

(Right to Buy)

With reference to Right to Buy Scheme - Purchase of Government Owned Rented Residential Units - published in the Government Gazette of the 18th December 2001, the Housing Authority is publishing the following amendments:-

(1) Amends Sub-Clause (i) of Clause 9 to read as follows:-

Notwithstanding the above table no apartment will be sold at a price less than:
(a) Twelve thousand Maltese Liri (Lm12,000) in case of one bedroomed apartments
(b) Fourteen thousand Maltese Liri (Lm14,000) in case of two bedroomed apartments
(c) Eighteen thousand Maltese Liri (Lm18,000) in case of three bedroomed apartments

In addition no terraced house will be sold at a price less than thirty Maltese Liri (Lm30,000)

(2) Add the following Clause

18. Żviluppar ta' postijiet mibjugħa taħt din l-Iskema

L-applikant u l-aventi kawża tiegħu hekk kif jakkwista l-fond mikri mingħand il-Gvern taħt din l-iskema jintrabat li f'każ li l-fond jitwaqqa' u/jew konvertit f'aktar minn residenza waħda u/jew konvertit b'kull mod permezz ta' alterazzjonijiet strutturali maġġuri, għandu jottjeni permess mill-miktub mill-Awtorità tad-Djar li jkollha diskrezzjoni assoluta skond il-*policies* tagħha. F'każ li dan il-permess jinħareġ l-applikant ikun obbligat iħallas lill-Awtorità tad-Djar 25% tal-valur ta' l-art li fuqha jkun se jsir l-iżvilupp kif stmat minn perit ta' l-Awtorità tad-Djar, jew kull kumpens ieħor skond il-*policies* ta' l-Awtorità tad-Djar applikabbli fid-data ta' l-applikazzjoni. Oltre dan f'kull każ l-applikant ikun obbligat li jottjeni l-permessi meħtieġa mill-Awtorità ta' l-Ambjent u Ippjanar (MEPA) u kull awtorizzazzjoni oħra rikjesta skond il-liġi.

Id-19 ta' Mejju, 2006

18. Reconstruction of Units Sold Under this Scheme

The applicant binds himself and his successors in title that if the premises are to be demolished and/or reconstructed into several apartments and or converted in any manner whatsoever by major structural alterations, permission is to be applied for and sought from the Housing Authority who shall have absolute discretion according to its policies. If approved the applicant is to pay to the Housing Authority 25% of the value of the land as estimated by our Architect or any other compensation as applicable according to policies at the time of application. In addition in all cases the applicant has to obtain the necessary permits from Malta Environment Panning Authority (MEPA) and any other necessary authorisation according to law.

19th May, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Taqsima tal-Konservazzjoni u Kontroll tas-Sajd

Politika Reġjonali Ewropea għal Malta
Dokument għal Programmar Uniku għal Malta

Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006

Strument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (FIFG)

Miżura 3.3: Sajd **Sub-Miżura 3.3.2: Strutturi**

SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAL *MARKETING* U PROĊESSAR

Data: It-Tnejn, 15 ta' Mejju, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Fisheries Conservation and Control Division

The European Regional Policy in Malta
Malta Single Programming Document

Structural Funds 2004-2006

Financial Instrument for Fisheries Guidance (FIFG)

Measure 3.3: Fisheries **Sub-Measure 3.3.2: Structures**

MARKETING AND PROCESSING AID SCHEME

Date: Monday, 15th May, 2006

NRU TAL-PROĠETT *PROJECT NO.*	ISEM TA' L-ISTABBILIMENT *NAME OF ESTABLISHMENT*	PUNTI *POINTS*
1	Azzopardi Fisheries Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar	50
2	Bugeja Fishmarket Triq l-Imġarr, Għajnsielem	42
3	Għaqda Koperattiva tas-Sajd 150, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk	24

Proġett ko-finanzjat mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
Project Part-Financed by the Ministry for Rural Affairs and the Environment
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea:
Project Part-Financed by the European Union

Id-19 ta' Mejju, 2006

19th May, 2006

KUNSILL LOKALI ŻEJTUN

Sejħa għal Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali Żejtun jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

L-applikant għandu:
Ikun jaf tajjeb il-proċeduri finanzjarji u programmi ta' l-informatika użati fl-uffiċċju *(word-processing, data base* u *spread sheet);*
Ikollu esperjenza jew ħiliet maniġerjali u/jew eżekuttivi; u
Ikollu dawk il-kwalifiki li normalment jintalbu biex wieħed jibda *degree* universitarju fl-Amministrazzjoni u/jew fil-*Management*.

Tingħata preferenza lil min:
Ikollu *Degree* universitarja fl-amministrazzjoni jew *management;*
Ikun jaf tajjeb ta' l-istrutturi, proġetti u fondi ta' l-Unjoni Ewropea;
Ikollu esperjenza u ħila jipproduċi dokumenti u rapporti bil-Malti u l-Ingliż.

Din il-pożizzjoni hija ekwivalenti għall-iSkala 5 fis-Servizz Pubbliku u tinkludi *bonus* ta' 10% li jingħata għad-diskrezzjoni tal-Kunsill fi tmiem is-sena finanzjarja skond il-ħidma mwettqa tul l-istess sena.

Ittra ta' applikazzjoni bil-miktub flimkien ma' *curriculum vitae* (fil-format Ewropew) għandhom jaslu għandu il-Kunsill Lokali Żejtun sa mhux aktar tard mill-10.00 a.m. tal-Ħamis, 25 ta' Mejju 2006.

Permess ta' l-ETC 74/2006

Id-19 ta' Mejju, 2006

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

Vacancy of Council Executive Secretary

The Żejtun Local Council invites applications for the post of Council Executive Secretary.

The applicant requirements are to be:
Proficient in accounting procedures and office computer applications (word-processing, data-base and spreadsheet);

In possession of managerial and/or executive experience or competence; and
In possession of the qualifications which are normally required in order to read for a university degree in Business Administration and/or Management.

Preference will be given to applicants having:
a University degree in business/public administration/ management;
Working knowledge of EU structures, projects and funds in general;
Demonstrated ability to produce documents and reports in Maltese and English.

The post is equivalent to Public Service's Scale 5, with a 10% performance bonus granted at the end of each financial year at the discretion of the Council.

Hand written motivation letter, together with curriculum vitae (European format) must reach the Żejtun Local Council, by 10.00 a.m. of Thursday, 25th May 2006.

ETC Permit 74/2006

19th May, 2006

KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan jgħarraf lil kull min għandu xi inġenji tal-baħar/*trailers* jew xi inġenji oħra abbandunati li qed jingumbraw Xatt is-Sajjieda u ħdejn Cavalier Hotel li għandu jneħħihom fi żmien tmient ijiem.

Fin-nuqqas ta' dan, dawn l-oġġetti jitneħħew mill-post mingħajr avviż ieħor.

Id-19 ta' Mejju, 2006

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

The San Ġiljan Local Council notifies all those who have abandoned sea crafts or trailers or some other sea craft encumbering Xatt is-Sajjieda or near Cavalier Hotel must remove these objects within eight days.

These encumbrance objects will be removed without further notice if they are not removed as abovementioned.

19th May, 2006

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf illi Triq Schembri se tkun magħluqa għat-traffiku nhar is-Sibt, l-20 ta' Mejju, 2006 mis-7.00 a.m. sal-5.00 p.m.

Id-19 ta' Mejju, 2006

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that Triq Schembri is being closed for traffic on Saturday, 20th May, 2006 from 7.00 a.m. to 5.00 p.m.

19th May, 2006

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 84/2006. Xiri ta' *clinical recompression monoplace chamber* għal Għira ta' Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm153,695.00 mingħajr V.A.T.).

CT 91/2006. Provvista ta' *salbutamol inhaler* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-23 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm235,509 mingħajr V.A.T.).

CT 93/2006. Provvista ta' pilloli/kapsoli *amoxycillin* u *clavulanic acid* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm169,521 mingħajr V.A.T.).

CT 94/2006. Provvista ta' *alcohol surface wipes - non sterile* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm72,692 mingħajr V.A.T.).

CT 95/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *goserelin 3.6mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm222,854 mingħajr V.A.T.).

CT 96/2006. Provvista ta' pilloli *mycophenolate mofetil 500mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-24 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm143,422 mingħajr V.A.T.).

CT 120/2006. Manifattura u provvista ta' għamara f'dar ta' l-anzjani fil-Mosta – Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 121/2006. *Textbooks "Way Ahead Series Level 3"* għall-iskejjel tal-primarja sena skolastika 2006-2007 – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd May, 2006, for:

CT 84/2006. Procurement of a clinical recompression monoplace chamber for the Island of Gozo – Ministry for Gozo. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 22nd March 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm153,695.00 excluding V.A.T.).

CT 91/2006. Supply of salbutamol inhaler – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 23rd March 2006. (Estimate: Lm235,509 excluding V.A.T.).

CT 93/2006. Supply of amoxycillin and clavulanic acid tablets/capsules – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm169,521 excluding V.A.T.).

CT 94/2006. Supply of alcohol surface wipes - non sterile – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm72,692 excluding V.A.T.).

CT 95/2006. Supply of goserelin 3.6mg injections – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm222,854 excluding V.A.T.).

CT 96/2006. Supply of mycophenolate mofetil 500mg tablets – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 24th March 2006. (Estimate: Lm143,422 excluding V.A.T.).

CT 120/2006. Manufacture and supply of furniture at home for the elderly in Mosta - Elderly Care and Community Department. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 121/2006. "Way Ahead Series Level 3" textbooks for primary schools, scholastic year 2006-2007 – Education Division. A fee of Lm10 will be charged for each copy of tender document.

CT 122/2006. Provvista ta' patata (Malta) lid-Diviżjoni tas-Saħħa – Dipartiment tas-Saħħa

CT 123/2006. Provvista ta' frott u ħxejjex (Malta) lid-Diviżjoni tas-Saħħa – Dipartiment tas-Saħħa

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 100/2006. Assistenza teknika għall-preparazzjoni tal-*Conceptual Design for Mechanical Biological Treatment Plants with Anaerobic Digestion* u d-*drafting* ta' dokumenti għal tlestija tal-formola/i ta' applikazzjoni *Associated Cohesion Fund* u d-dokument ta' l-offerta - Wasteserv Malta Limited. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Marzu 2006.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta mħallsa parzjalment taħt il-*European Cohesion Fund Programme* għal Malta 2004-2006. *(Budget* Allokat: Lm164,278.00 mingħajr V.A.T.).

CT 124/2006. Tibdil ta' *roof cladding* fil-fabbrika KW1 fil-qasam industrijali ta' Kordin – Malta Industrial Parks. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 125/2006. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' servizzi mekkaniċi fil-*west wing* tal-blokk ta' l-amministrazzjoni tal-MCAST, Kampus ta' Kordin – MCAST. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kul kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 126/2006. Provvista ta' ħrieqi *disposable* ta' l-adulti. – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 129/2006. Bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' *spare parts* u magna ta' *patrol craft (Kondor Class)* PC29 u PC31 - Forzi Armati ta' Malta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Mejju, 2006 għal:

CT 107/2006. Provvista ta' *basic dressing packs* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-29 ta' Marzu 2006. (Stima: Lm79,440 mingħajr V.A.T.).

CT 112/2006. Provvista ta' *haemophilus influenza Type B vaccine* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' April 2006. (Stima: Lm71,992 mingħajr V.A.T.).

CT 113/2006. Provvista ta' *x-ray safety films* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' April 2006. (Stima: Lm225,235 mingħajr V.A.T.).

CT 122/2006. Supply of potatoes (Malta) to Health Division – Department of Health.

CT 123/2006. Supply of fruit and vegetables (Malta) to Health Division – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th May, 2006, for:

CT 100/2006. Technical assistance in the preparation of a Conceptual Design for Mechanical Biological Treatment Plants with Anaerobic Digestion and drafting of documents for the completion of the Associated Cohesion Fund application form/s and tender documents - Wasteserv Malta Limited. A fee of Lm25 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 28th March 2006.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Cohesion Fund Programme for Malta 2004-2006. (Allocated Budget: Lm164,278.00 excluding V.A.T.).

CT 124/2006. Replacement of roof cladding in factory KW1 at Corradino Industrial Estate – Malta Industrial Parks. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 125/2006. Supply, installation and commissoning of mechanical services at the west wing of the MCAST administration block, Corradino Campus – MCAST. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 126/2006. Supply of adult disposable nappies – Department of Health.

CT 129/2006. Sale tale quale and removal of spare parts and engine pertaining to patrol craft (Kondor Class) PC29 and PC31 - Armed Forces of Malta.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th May, 2006, for:

CT 107/2006. Supply of basic dressing packs – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 29th March 2006. (Estimate: Lm79,440 excluding V.A.T.).

CT 112/2006. Supply of haemophilus influenza Type B vaccine – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd April 2006. (Estimate: Lm71,992 excluding V.A.T.).

CT 113/2006. Supply of x-ray safety films – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 3rd April 2006. (Estimate: Lm225,235 excluding V.A.T.).

CT 132/2006. Rinovar u tiġdid ta' stallazzjonijiet elettriċi u mekkaniċi fl-Iskola Primarja Rosa Magro, ix-Xewkija, Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 161/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *anoraks* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-1 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 114/2006. Provvista ta' *evacuated tubes* għal sistema biex jinġabar id-demm – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' April 2006. (Stima: Lm119,152 minħajr V.A.T.).

CT 115/2006. Servizzi ta' tindif fl-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-6 ta' April 2006. (Stima: Lm120,000 minħajr V.A.T.).

CT 138/2006. Alterazzjonijiet strutturali u xogħlijiet arkitettoniċi ta' tlestija u servizzi tal-bini għal sular ġdid ta' amministrazzjoni - Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 139/2006. Servizzi ta' bini lis-sular ġdid ta' amministrazzjoni - Qrati tal-Ġustizzja. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 140/2006. *Main electrical switchboard* u *distribution network* għal Palazz Presidenzjali, Valletta (li jinkludi *main distribution panel* u *cable distribution network)* - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 173/2006. Servizzi ta' *management* ta' kostruzzjoni għal xogħlijiet tat-toroq fi Triq l-Imġarr u Triq il-Kosta f'Għajnsielem, Għawdex – Direttorat tat-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 130/2006. Stallazzjoni mekkanika u elettrika, installazzjoni ta' l-elettriku u ta' tlestija, għamara li jinkludi tagħmir tal-kċina fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi ġdid ġewwa l-Qala, Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm75 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm355,000 minħajr V.A.T.).

CT 144/2006. Provvista ta' *video scopes* varji għall-Isptar San Luqa – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 145/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *benzyl penicillin 600mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 132/2006. Refurbishment and renewal of the electrical and mechanical installations of Rosa Magro Primary School, Xewkija, Gozo. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 161/2006. Period contract for the supply of anoraks to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 1st June, 2006, for:

CT 114/2006. Supply of evacuated tubes for blood collection system – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 6th April 2006. (Estimate: Lm119,152 excluding V.A.T.).

CT 115/2006. Provision of cleaning services at St. Luke's Hospital – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 6th April 2006. (Estimate: Lm120,000 excluding V.A.T.).

CT 138/2006. Structural alterations and architectural finishing works and building services for the new administration floor - Law Courts. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 139/2006. Building services to the new administration floor - Law Courts. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

CT 140/2006. Main electrical switchboard and distribution network for the Presidential Palace, Valletta (including main distribution panel and cable distribution network) - Works Division. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 173/2006. Services for construction management for road works at Triq l-Imġarr and Triq il-Kosta at Għajnsielem, Gozo – Roads Directorate. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th June, 2006, for:

CT 130/2006. Mechanical and electrical installation, finishing and furnishing including kitchen furniture at the new Institute for Tourism Studies (ITS) School at Qala, Gozo. A fee of Lm75 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm355,000 excluding V.A.T.).

CT 144/2006. Supply of various video scopes to St. Luke's Hospital – Department of Health.

CT 145/2006. Supply of benzyl penicillin 600mg injections – Department of Health.

CT 146/2006. Provvista ta' pilloli *nicorandil 10mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 147/2006. Provvista ta' pilloli *glycearyl trinitrate 500mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 360/2006. *Malta South Sewage Transmission Infrastructure* – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Irid jitħallas dritt ta' Lm250 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' Diċembru 2005.

Dan huwa *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm3,740,000 minħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 128/2006. Provvista ta' vaċċin ta' l-influwenza – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-12 ta' April 2006. (Stima: Lm193,600 minħajr V.A.T.).

CT 131/2006. Provvista ta' ossiġinu mediku li jimtela fiċ -ċilindri – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-13 ta' April 2006. (Stima: Lm237,134 minħajr V.A.T.).

CT 149/2006. Provvista ta' *anti embolism stockings* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 150/2006. Provvista ta' pilloli jew kapsoli *bendrofluazide 2.5mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 151/2006. Provvista ta' pilloli *antenolol 100mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 152/2006. Provvista ta' *fusidic acid 2% cream* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 153/2006. Provvista ta' *fixer replenisher solution for automatic 90 seconds film processor* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 154/2006. Provvista ta' *syringes disposable luer lock* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 155/2006. Provvista ta' e*nteral feeding sets with bags for Frentamat pump*– Dipartiment tas-Saħħa.

CT 185/2006. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' uniformijiet tax-xitwa lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 146/2006. Supply of nicorandil 10mg tablets – Department of Health.

CT 147/2006. Supply of glycearyl trinitrate 500mg tablets – Department of Health.

CT 360/2005. Malta South Sewage Transmission Infrastructure – Water Services Corporation. A fee of Lm250 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 27th December 2005.

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by the European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm3,740,000 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th June, 2006, for:

CT 128/2006. Supply of influenza vaccine – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 12th April 2006. (Estimate: Lm193,600 excluding V.A.T.).

CT 131/2006. Supply of medical oxygen to be refilled in cylinders – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 13th April 2006. (Estimate: Lm237,134 excluding V.A.T.).

CT 149/2006. Supply of anti embolism stockings – Department of Health.

CT 150/2006. Supply of bendrofluazide 2.5mg tablets or capsules – Department of Health.

CT 151/2006. Supply of atenolol 100mg tablets – Department of Health.

CT 152/2006. Supply of fusidic acid 2% cream – Department of Health.

CT 153/2006. Supply of fixer replenisher solution for automatic 90 seconds film processor – Department of Health.

CT 154/2006. Supply of syringes disposable luer lock – Department of Health.

CT 155/2006. Supply of enteral feeding sets with bags for Frentamat pump – Department of Health.

CT 185/2006. Period contract for the supply of winter uniforms to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-13 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 127/2006. Provvista ta' *high alloy stainless steel pipes, fittings* u aċċessorji - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-12 ta' April 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ERDF). *(Budget* Allokat: Lm550,000 minħajr V.A.T.).

CT 156/2006. Bini ta' tliet (3) appartamenti u tlestija tal-partijiet komuni fi *Plot* 38, Wesgħat il-Palazz, Siġġiewi – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 157/2006. Bini ta' żewġ (2) *maisonettes* u żewġ (2) garaxxijiet u tlestija tal-partijiet komuni fi *Plot* 9, Triq Salvu Curso, Siġġiewi – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 158/2006. Bini ta' ħdax (11) appartamenti u garaxxijiet fi *Plots* 26, 27 u 28, Triq Fieres, Ħal Tarxien – Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, Santa Venera bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 159/2006. Provvista ta' madum tat-tip *gres* porcellenato fl-Akwadotti, Santa Venera – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħalls dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 162/2006. Provvista ta' *sterile biogel gloves* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 163/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *phenytoin sodium 250mg/5ml* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 164/2006. Provvista ta' *propofol 500mg prefilled syringes* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 165/2006. Provvista ta' *josephan diagnostics catheters* - Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 136/2006. Provvista ta' *fluticasone 250mcg inhaler* – Dipartiment tas-Saħħa.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 13th June, 2006, for:

CT 127/2006. Supply of high alloy stainless steel pipes, fittings and accessories - Water Services Corporation. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 12th April 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The European Regional Development Fund (ERDF). (Allocated Budget: Lm550,000 excluding V.A.T.).

CT 156/2006. Construction of three (3) apartments and finishing of common parts on Plot 38, Wesgħat il-Palazz, Siġġiewi – Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 157/2006. Construction of two (2) maisonettes and two (2) garages and finishing of common parts on Plot 9, Triq Salvu Curso, Siġġiewi – Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm30 for each copy of tender document.

CT 158/2006. Construction of eleven (11) apartments and garages on Plots 26, 27 and 28, Triq Fieres, Tarxien – Housing Authority. Tender documents may be collected from the Housing Authority, 12, Triq Pietro Floriani, Floriana between 8.30 a.m. and noon against a fee of Lm100 for each copy of tender document.

CT 159/2006. Supply and delivery of gres porcellenato tiles at Aquaducts, Santa Venera – Works Division. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

CT 162/2006. Supply of sterile biogel gloves - Department of Health.

CT 163/2006. Supply of phenytoin sodium 250mg/5ml injections - Department of Health.

CT 164/2006. Supply of propofol 500mg prefilled syringes - Department of Health.

CT 165/2006. Supply of josephan diagnostics catheters - Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th June, 2006, for:

CT 136/2006. Supply of fluticasone 250mcg inhaler – Department of Health.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' April 2006. (Stima Lm60,678 mingħajr V.A.T.).

CT 137/2006. Provvista ta' injezzjonijiet *human growth hormone* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' April 2006. (Stima Lm168,251 mingħajr V.A.T.).

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarrf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kanċellata.

CT 141/2006. Provvista ta' *sodium chloride 0.9% X 2 litres* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' April 2006. (Stima Lm66,242 mingħajr V.A.T.).

CT 142/2006. Provvista ta' *total parenteral nutrition adult solution* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' April 2006. (Stima Lm64,968 mingħajr V.A.T.).

CT 143/2006. Provvista ta' *Afga laser films TM1B for Drystar 3000, size: 43 cm x 35 cm* – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' April 2006. (Stima Lm167,283 mingħajr V.A.T.).

CT 167/2006. Provvista ta' *rotors* for *ACL 100/7000 coagulometers* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 168/2006. Provvista ta' pilloli/kapsuli tas- *clyndamycin hydrochloride 150mg* – Dipartiment tas-Saħħa,

CT 169/2006. Provvista ta' *oral rehydration powder* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 170/2006. Provvista ta' pilloli *etidronate disodium* 200mg – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 171/2006. Provvista ta' *phosphate enema BP (Formula B)* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Ġunju, 2006 għal:

CT 133/2006. Provvista ta' apparat għal *Metrology* biex isaħħaħ l-operat tal-*Market Surveillance,* li jinkludi wkoll *semi-trailer* – l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' April 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2004. *(Budget* Allokat: *Euros* 181,022 mingħajr V.A.T.).

CT 148/2006. Provvista, konsenja, stallazzjoni u kummissjunar ta' għamara tal-laboratorju u tagħmir fiċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm, Guardamangia

The EU Contract Notice was dispatched on the 19th April 2006. (Estimate: Lm60,678 excluding V.A.T.).

CT 137/2006. Supply of human growth hormone injections – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 19th April 2006. (Estimate: Lm168,251 excluding V.A.T.).

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 141/2006. Supply of sodium chloride 0.9% X 2 litres – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th April 2006. (Estimate: Lm66,242 excluding V.A.T.).

CT 142/2006. Supply of total parenteral nutrition adult solution – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th April 2006. (Estimate: Lm64,968 excluding V.A.T.).

CT 143/2006. Supply of Afga laser films TM1B for Drystar 3000, size: 43 cm x 35 cm – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th April 2006. (Estimate: Lm167,283 excluding V.A.T.).

CT 167/2006. Supply of rotors for ACL 100/7000 coagulometers – Department of Health.

CT 168/2006. Supply of clyndamycin hydrochloride 150mg tablets/capsules – Department of Health.

CT 169/2006. Supply of oral rehydration powder – Department of Health.

CT 170/2006. Supply of etidronate disodium 200mg tablets – Department of Health.

CT 171/2006. Supply of phosphate enema BP (Formula B) – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th June, 2006, for:

CT 133/2006. Purchase of Metrology equipment to further support Market Surveillance, including semi-trailer – Malta Standards Authority. A fee of Lm30 will be charged for each copy of tender document.

The Contract Notice was dispatched on the 19th April 2006.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded by The Transition Facility 2004 Programme for Malta. (Allocated Budget: Euros 181,022 excluding V.A.T.).

CT 148/2006. Supply, delivery, installation and commissioning of laboratory furniture and equipment at the National Blood Transfusion Centre, Guardamangia – Ministry

– Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura tal-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 għal kullkopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' April 2006.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm għal Malta tat-*Transition Facility* 2004. *(Budget* Allokat: *Euros* 259,000 mingħajr V.A.T.).

CT 177/2006. Tiswija ta' konkrit dilapidat u rinforzar ta' l-azzar għall-kolloni rinforzati maġenb il-*pool area* fil-Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali Tal-Qroqq - Kunsill Malti għall-I*sport*. Irid jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 178/2006. Xogħlijiet ta' toroq fi Triq il-Qigħan, Triq l-Imrejżbiet u Triq il-Merkanti, Għajnsielem, Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 179/2006. Bini u nofs tlestija ta' tnax (12)-il *maisonette* u erbgħa u għoxrin (24) garaxx fi Triq Alfier de Medran, Ħal Tarxien - Awtorità tad-Djar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Awtorità tad-Djar, 12, Triq Pietro Floriani, il-Furjana, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

CT 180/2006. Stallazzjoni u servizzi mekkaniċi u ta' l-elettriku fl-Iskola Sekondarja Ġdida tas-Subien, Tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Ġunju, 2006 għal:

